MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Numru. 944/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**

**VS**

**ANDREW MIFSUD**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Andrew Mifsud detentur tal-Karta tal-Identita` numru 428968 (M).

**Akkuzat talli:**

Nhar is-27 ta` Lulju, 2012, ghal habta tat-tmienja u nofs ta` filghaxija (20:30hrs), filwaqt li fil-villegjatura tieghu, li tinsab biswit il-Bajja ta` San Tumas, gewwa ta` Barbeque sett, ikkaguna griehi ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Leonard Attard miz-Zejtun, liema ferita ggib debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta` xi parti tal-gisem, jew difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew iggib mankament jew sfreggju fil-wicc, skond kif iccertifikat minn Dr. Mark Grech M.D., it-tabib tac-Centru tas-Sahha ta` Rahal Gdid u Dr. Attard Bianchardi M.D., mit-Taqsima tal-Emergenza tal-isptar Mater Dei.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet il-provi mressqa;

Rat l-Artikoli indikati u cioe` l-artikoli 216 (1) (a) (b) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Din il-Qorti qed issib lill-imputat hati ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------